MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2019

Rikors Maħluf Numru 812/17 LM

**Patrick Agius, detentur tal-karta tal-identità numerata 0166773(M)**

***vs.***

**Untours Insurance Agents Limited (C 5655);**
**Anthony Falzon, detentur tal-karta tal-identità numerata 0617247M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-6 ta' Settembru, 2017, mill-attur **Patrick Agius** (K.I. 166773M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-18 ta' Novembru, 2014 seħħ inċident fi Vjal il-Kottoner, Fgura, bejn il-vettura tal-marka Subaru J10 bin-numru ta' reġistrazzjoni TFD-380 (assikurata mal-intimata Untours Insurance Agents Limited) misjuqa mill-intimat Anthony Falzon, u l-mutur tal-marka Yamaha XT600E bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG-137 misjuq mir-rikorrent;*

2. *Illi dan l-inċident stradali seħħ unikament minħabba nuqqas ta' diliġenza, prudenza u ħsieb, u bi traskuraġni, imperizja, sewqan perikoluż u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat Anthony Falzon. L-intimat imsemmi fil-fatt ħareġ minn side-street (Triq il-Gallu) għat-triq prinċipali (Vjal il-Kottoner) li minnha kien għaddej ir-rikorrent, u qasam lejn side-street oħra (Triq Baldassare Lanci) li tinsab fin-naħa opposta tat-triq prinċipali aktar 'l isfel minn fejn ħareġ l-intimat. Biex għamel dan, wettaq manuvra fejn qasam minn ġo nofs serbut vetturi li kienu qegħdin weqfin fit-triq prinċipali fil-karreġġjata opposta li minnha kien għaddej ir-rikorent, imbagħad invada l-karreġġjata opposta tat-triq prinċipali minn fejn kien qed isuq ir-rikorrent u qatalu/għalaqlu l-karreġġjata. Okkorrenza annessa u markata bħala Dokument A;*

3. *Illi f'dan l-inċident, ir-rikorrent safa korrut fuq il-persuna tiegħu fil-polz ta' idu x-xellugija, u baqa' diżabilitat b'mod permanenti, hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku rilaxxat minn Mr. Jason Zammit, li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument B;*

4. *Illi l-intimati ma resqux 'il quddiem għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent fuq il-persuna tiegħu f'dan l-inċident, u għad-danni konsegwenzjali;*

5. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara lill-intimat Anthony Falzon unikament responsabbli għall-inċident stradali fuq deskritt li seħħ fit-18 ta' Novembru, 2014 fi Vjal il-Kottoner, Fgura, u għall-korriment konsegwenzjali soffert mir-rikorrent, u dan għar-raġunijiet fuq premessi;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-inċident stradali u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidalment iħallsu lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Settembru 2016 (Dokument C), u bl-imgħaxijiet, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Untours Insurance Agents Limited** (C 5655) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Ottubru, 2017, u maħlufa minn Richard Vella (K.I. 523359M), li biha eċċepiet:

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) hija respinta u kkontestata stante li għall-inċident stradali ma kienx jaħti Anthony Falzon;*

2. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li għall-inċident awtomobilistiku mertu ta' dan ir-rikors kienet unikament responsabbli r-rikorrenti stess;*

3. *Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti huma kontestati fil-fatt u fid-dritt b'konsegwenza ta' negliġenza kontributorja da parti tar-rikorrenti stess, li ma ħax il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

*DIKJARAZZJONI:*

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) hija respinta u kkontestata stante li għall-inċident stradali ma kienx jaħti Anthony Falzon;*

2. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li għall-inċident awtomobilistiku mertu ta' dan ir-rikors kienet unikament responsabbli r-rikorrenti stess;*

3. *Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti huma kkontestati fil-fatt u fid-dritt b'konsegwenza ta' negliġenza kontributorja da parti tar-rikorrenti stess, li ma ħax il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa;*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Anthony Falzon** (K.I. 617247M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Ottubru, 2017, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) hija respinta u kkontestata stante li għall-inċident stradali ma kienx jaħti Anthony Falzon;*

2. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li għall-inċident awtomobilistiku mertu ta' dan ir-rikors kienet unikament responsabbli r-rikorrenti stess;*

3. *Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti huma kontestati fil-fatt u fid-dritt b'konsegwenza ta' negliġenza kontributorja da parti tar-rikorrenti stess, li ma ħax il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa;*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

*DIKJARAZZJONI:*

1. *Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) hija respinta u kkontestata stante li għall-inċident stradali ma kienx jaħti Anthony Falzon;*

2. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li għall-inċident awtomobilistiku mertu ta' dan ir-rikors kienet unikament responsabbli r-rikorrenti stess;*

3. *Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti huma kontestati fil-fatt u fid-dritt b'konsegwenza ta' negliġenza kontributorja da parti tar-rikorrenti stess, li ma ħax il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa;*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attur.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Frar, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kawża odjerna hija dwar inċident stradali li seħħ fi Vjal il-Kottoner, il-Fgura, bejn vettura tal-għamla Subaru misjuqa mill-konvenut, u mutur tal-għamla Yamaha misjuq mill-attur, fejn allegatament l-attur safa milqut mill-vettura li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenut. L-attur isostni li konsegwenza ta' dan l-inċident huwa baqa' jsofri minn debilità permanenti fil-polz t'idu tax-xellug. Permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-Qorti tiddikjara li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident, kif ukoll sabiex jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur u li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu d-danni hekk likwidati lill-attur

Il-konvenuti min-naħa tagħhom oriġinarjament ikkontestaw ir-responsabbilità għall-inċident, u t-talba għal-likwidazzjoni tad-danni u dan in vista tal-fatt li kienu eċċepew li kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-attur li ma ħax il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jevita li jkun hemm inċident bħal dan. Aktar tard matul il-prosegwiment tal-kawża l-konvenuti però ammettew ir-responsabbilità għal dan l-inċident, u l-kawża tħalliet għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-rikors promutur l-attur esebixxa kopja tal-iskizz imħejji mill-uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post tal-inċident, li juri d-dinamika ta' kif

seħħ l-inċident stradali inkwistjoni.[1] Ġiet esebita wkoll kopja tar-rapport tal-Pulizija li marru fuq il-post tal-inċident.[2] L-attur esebixxa wkoll kopja tar-rapport mediku mħejji mill-konsulent ortopediku *ex-parte* **Mr Jason Zammit**[3], fejn ikkonstata li l-attur kien involut f'inċident waqt li kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu, u konsegwenza ta' dan sofra ksur f'idu tax-xellug. Fir-rapport tiegħu Mr Zammit ikkonferma li sar intervent kirurġiku fuq l-attur, li ħtieġlu wkoll jattendi numru ta' sessjonijiet ta' fiżjoterapija wara dan l-intervent. Fir-rapport tiegħu Mr Zammit qal li l-attur għadu jsofri minn uġigħ meta jerfa' oġġetti tqal, kif ukoll qiegħed jesperjenza restrizzjonijiet li jaffettwawlu l-ħajja lavorattiva tiegħu, bħal meta jiġi biex jeżerċita pressjoni b'idejh, u għalhekk kellu jwaqqaf it-taħriġ fis-*shooting squad* u jwaqqaf attività sportiva oħra li kien jagħmel. Ix-xhud ikkonstata wkoll li l-attur m'għadux jista' jsuq il-mutur bħala mezz ta' trasport għalih. Ix-xhud ikkonkluda li konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur għadu jsofri minn debilità permanenti ta' 8%.

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2017, il-Qorti ħatret bħala espert mediku lil **Mr Carmel Sciberras** sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident, partikolarment dwar jekk l-attur sofriex xi debilità permanenti u f'liema grad. L-espert mediku maħtur mill-Qorti ppreżenta r-rapport tiegħu fit-12 ta' Jannar, 2018, fejn ikkonstata illi l-attur jaħdem bħala uffiċjal korrettiv ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u dakinhar tal-inċident kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu. L-espert mediku kkonstata li konsegwenza tal-inċident, l-attur sofra minn spostjament tal-polz tax-xellug, u sabiex jissewwa dan kien hemm il-ħtieġa ta' intervent kirurġiku, u diversi sessjonijiet ta' terapija, tant li

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 5 tal-proċess.
[3] *A fol.* 11 tal-proċess.

l-attur dam ma jmur għax-xogħol sa Ġunju tal-2015. Mr Sciberras ikkonstata li minkejja li l-attur għadu jaħdem bħala uffiċjal korrettiv, hu għadu jsibha diffiċli li jsakkar il-bibien taċ-ċelel tal-priġunieri, u kellu jieqaf jitħarreġ fl-arti marzjali, liema taħriġ kien jgħinu anki fix-xogħol tiegħu. Mr Sciberras ikkonstata wkoll li l-attur m'għandux saħħa fil-polz ta' idu, u kellu jibdel il-mutur tiegħu għal wieħed awtomatiku. Mill-eżami mediku li sar fuq l-attur, irriżulta li l-movimenti tal-polz huma neqsin fid-direzzjonijiet kollha, u l-ġog tal-polz għadu irregolari, fattur li aktarx iwassal biex il-ġog jiddeġenera qabel il-waqt. Mr Sciberras ikkonkluda wkoll li:

> "in-nerv medjan, lagħadu ma fieqx s'issa, tliet snin wara l-inċident, ser jibqa' ftit difettużu - għalhekk in-nuqqas ta' sensazzjoni fil-behem. Minħabba f'hekk kull attività li titlob l-użu tal-polz / id xellugija, tkun xi ftit jew wisq limitata."

Il-konklużjoni tal-espert mediku hija li konsegwenza tal-inċident l-attur ser jibqa' jsofri debilità permanenti ta' 5%.

Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2018 xehed **PS 15 Cyrill Butters**[4], li qal li hu surġent stazzjonat fl-Għassa ta' Raħal Ġdid, u dakinhar tal-inċident il-Pulizija kienet ġiet infurmata li kien hemm kolliżjoni fi Vjal il-Kottoner, il-Fgura, u konsegwenza ta' dan l-inċident, persuna li kienet riekba fuq mutur sfat korruta. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident inzertat kienet ġurnata bin-nida, u l-inċident seħħ fil-karreġġjata li tagħti fid-direzzjoni lejn Ħaż-Żabbar, fejn jirriżulta li s-sewwieq tal-mutur kellu d-dritta.

Permezz ta' nota tas-7 ta' Marzu, 2018, is-soċjetà konvenuta ammettiet ir-responsabbilità għall-inċident u għalhekk irtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha. In

[4] *A fol.* 41 tal-proċess.

vista ta' din l-ammissjoni ta' responsabbilità, l-attur fl-*affidavit* tiegħu[5] xehed biss dwar id-danni sofferti minnu. L-attur qal li dakinhar tal-inċident, hu ipprova jimminimizza d-danni billi jżomm b'idu, għalkemm xorta waħda tkaxkar it-tul kollu tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Żied jgħid li minkejja li sarlu intervent kirurġiku u attenda regolarment għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija, huwa kien muġugħ għal żmien twil, filwaqt li għadu jsofri minn ċerti restrizzjonijiet fir-rigward ta' attivitajiet li m'għadux jista' jagħmel bħal qabel, fosthom xogħol ta' manutenzjoni fid-dar li issa għandu bżonn l-għajnuna biex jagħmlu. Qal li minħabba li hu uffiċjal korrettiv fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, id-debilità permanenti li għadu jsofri minnha qed taffettwah fix-xogħol tiegħu, fejn fost l-oħrajn ibati biex jagħlaq il-bibien taċ-ċelel, biex jimmanettja l-priġunieri, u xi drabi jkun ibbullijat meta xi priġunier jarah liebes l-i*splint.* Żied jgħid li kellu anki jillimita l-attività fiżika li jagħmel. Qal li minbarra l-uġigħ li għadu jsofri minnu, l-inċident ġab miegħu ammont konsiderevoli ta' spejjeż, fosthom il-ħsara li ġarrab il-mutur, għal liema spiża għamlet tajjeb s-soċjetà konvenuta, bħala assiguratriċi tal-konvenut. L-attur spjega li hu kellu jixtri mutur *automatic* minħabba li ma setax jibqa' jsuq mutur manwali, u li dan sewa €7,355.95[6], filwaqt li aċċessorji oħra neċessarji għall-użu ta' dan il-mutur swewlu €1,164.73.[7] L-attur esebixxa diversi irċevuti b'rabta ma' spejjeż oħra li ħtieġlu jagħmel u li b'kollox jammontaw għal €425.21.[8] Żied jgħid li konsegwenza tal-inċident hu kellu jutilizza l-*vacation leave* u s-*sick leave* kollu li kellu għas-sena li fiha seħħ l-inċident, kif ukoll għamel ħames xhur mingħajr paga, biex b'hekk tilef is-somma ta' €10,362.51 għaż-żmien kollu li fih ma setax jattendi għax-xogħol.

---

[5] *A fol.* 51 tal-proċess.
[6] *A fol.* 56 tal-proċess.
[7] *A fol.* 57 tal-proċess.
[8] *A fol.* 58 *et seq.* tal-proċess.

Fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2018 xehed il-konsulent *ex-parte* **Jason Zammit**[9], li meta ġie mistoqsi dwar jekk hux il-każ li minħabba d-debilità permanenti sofferta mill-attur, dan bilfors ikollu jsuq mutur awtomatiku, ix-xhud wieġeb li l-attur sofra korriment gravi f'idejh u konsegwenza ta' hekk il-movimenti ta' jdejh huma limitati ferm aktar min-normal.

Fl-istess udjenza xehed l-attur, **Patrick Agius**[10], li esebixxa kopji tal-FS3 forms għas-snin 2015, 2016 u 2017, sabiex jindika t-telf ta' salarju tiegħu għax-xhur kollha li dam barra mill-impjieg. Fil-fatt jirriżulta li fis-sena 2015, is-sena li fiha l-attur ħadem biss minn Lulju sa Diċembru, id-dħul tiegħu kien fl-ammont ta' €12,219.35, filwaqt li d-dħul tiegħu għas-sena ta' qabel kien fl-ammont ta' €26,942.52. Għall-finijiet ta' komputazzjoni tat-telf ta' salarju għaż-żmien indikat mill-attur, il-Qorti sejra tadotta ċ-ċifra mogħtija mill-attur, dik ta' €10,362.51.

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

In vista tal-fatt li s-soċjetà konvenuta ammettiet ir-responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur, kemm fir-rigward ta' dawk li huma danni materjali (*damnum emergens),* kif ukoll għal dak li huwa telf ta' qligħ futur soffert mill-attur *(lucrum cessans).*

*Damnum emergens:*

Jirriżulta ppruvat mill-irċevuti esebiti fl-atti tal-kawża, li d-danni materjali sofferti mill-attur jikkonsistu fl-ispejjeż minfuqa minnu għax-xiri ta' mutur

[9] *A fol.* 111 tal-proċess.
[10] *A fol.* 114 tal-proċess.

*automatic* (€8,520.68) minħabba li konsegwenza ta' dan l-inċident huwa ma setax isuq aktar mutur manwali, li minnhom però jrid jitnaqqas il-*book value* tal-mutur li kien qed isuq l-attur waqt l-inċident u (€2,500), li għandu jingħad li l-ispejjeż għat-tiswija ta' liema kienet diġà ħarġithom is-soċjetà konvenuta. B'hekk is-somma netta li l-attur għandu dritt li jiġi riżarċit tagħha f'dan ir-rigward hija ta' €6,020.68. L-attur inkorra spejjeż b'rabta ma' mediċini u visti għand it-tobba kif jixhdu d-diversi irċevuti esebiti *a fol.* 58 *et seq* tal-proċess, li jammontaw għal €425.21, kif ukoll telf ta' salarju attwali għax-xhur li fihom l-attur ma setax jidħol xogħol, li jammontaw għal €10,362.51, sabiex b'hekk id-danni materjali sofferti mill-attur jammontaw għal €16,808.40.

*Lucrum cessans:*

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[11], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

[11] P.A., 18.02.2013.

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[12], ġie ritenut illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' wieħed u erbgħin (41) sena, li hija l-età li kellu l-attur dakinhar li seħħ l-inċident mertu tal-kawża, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 15. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[13], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm

[12] P.A., 27.04.2005.
[13] P.A., 10.05.2005.

> tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **<u>Butler vs Heard</u>**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 15 huwa wieħed ġust meta wieħed jikkonsidra l-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tal-attur hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Carmel Sciberras li l-grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur hi ta' ħamsa fil-mija (5%), u l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida għalfejn għandha tiddipartixxi minn din ir-rata hekk stabbilita, tenut kont li l-eżami tal-attur mill-espert mediku maħtur mill-Qorti sar tliet snin wara l-inċident, u għalhekk l-istampa li ħa l-espert mediku hi waħda ta' kif il-qagħda ta' saħħet l-attur ser tibqa' għal perijodu twil ta' żmien.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien jipperċepixxi l-attur il-paga bażika tiegħu għas-sena 2014, is-sena li fiha seħħ l-inċident. Mill-kopja tal-FS3 esebita[14] jirriżulta li l-attur kellu dħul gross ta' €26,942.52 u dħul nett ta' €21,289.36.[15] Din il-paga trid tiġi aġġustata għall-għoli tal-ħajja[16] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda

[14] *A fol.* 97 tal-proċess.

[15] Mid-dħul ta' €26,942.52, l-attur ħallas €4,308 taxxa u €1,345.16 kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

[16] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja talinflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €21,289.36 + €24,355.03 / 2 = €22,822.19. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2017, u ser tinqata' ftit aktar minn tmintax-il xahar wara l-preżentata tar-rikors promutur. Ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi wieħed jew ieħor mill-partijiet.

Bħala perċentwal ta' diżabilità, il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%) kif stabbilit mill-espert mediku maħtur minnha wara l-aħħar eżami li għamel fuq l-attur.

Is-salarju medju ta' €22,822.19 x *multiplier* ta' 15 x 5% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €17,116.65 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€13,693.32.** Dan huwa l-*lucrum cessans* likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' **€16,808.40** rappreżentanti d-*damnum emergens* soffert mill-attur, qiegħed jiġi stabbilit li l-ammont totali li għandu jitħallas mill-konvenuti lill-attur *in linea* ta' danni jammonta għal **<u>€30,501.72</u>**.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **In vista tal-ammissjoni tas-soċjetà konvenuta tar-responsabbiltà għall-inċident mertu tal-kawża, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tal-attur u tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti;**

2. **Tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur, u tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident stradali mertu tal-kawża li għalih kien responsabbli unikament il-konvenut Anthony Falzon, fis-somma ta' tletin elf, ħames mija u wieħed Euro, u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€30,501.72);**

3. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.